MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 283/2005

**Kevin Falzon - ID 259273 M**

**vs**

**Christopher u Cheryl konjugi Gatt u b' digriet tal-15 ta' April 2005 l-Avukat Dr Saviour Brincat u il-Prokuratur Legali Louisa Tufigno gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Christopher Gatt u b' digriet tat-2 ta' Mejju 2005 l-avukat Dr Martin Fenech gie nominat kuratur deputat l-avukat Saviour Brincat**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi wara li ppremettew:

Illi permezz ta' skrittura privata datata 22 ta' Dicemhru 2004 (Dok 'A') il-konvenuti Christopher u Cheryl konjugi Gatt irrikonoxxew id-debitu ta' Lm130500.00 (mija u tletin elf u hames mitt lira maltin), favur l-attur, liema somma giet issoministrata lill-konvenuti bhala transazzjoni tan--negozju, u li liema somma baqghet ma thallsitx u hija dovuta lill-attur immedjatament stante li ntilef il-beneficcju tat-terminu, ai termini ta' 1-istess skrittura hawn annessa, peress li l-konvenuti baqghu inadempjenti fil-pagamenti;

Illi ghalkemm saru laqghat mal-konvenuti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom versu l-attur, il-konvenuti baqghu nadempjenti. u l-istess konvenuti urew bic-car l-intenzjoni taghhom li ma jonorawx l-obbligi taghhom favur l-attur;

Illi din il-Qorti laqghet il-mandat ta' inibizzjoni enumerat 460/2005, intavolat mill-attur kontra 1-konvenuti, Christopher u Cheryl konjugi Gatt, rigwardanti 1-istess rnertu ta' din l-istanza;

Illi l-attur ceda l-mandat ta' inibizzjoni enumerat 460/2005 fi-konfront ta' Emanuel Gatt u Joseph Gatt, filwaqt li zamm ferm u sod it-talbiet tieghu fll-konfront tal-konvenuti Christopher u Cheryl konjugi Gatt;

Illi fl-umli fehma ta' l-attur jezistu 1-elementi kollha rikjesti mill-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut. u ghalhekk il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu, in vista tas-suespost, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet Ia' Malta;

2. previja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenuti Christopher u Cheryl

konjugi Gatt huma debituri fil-konfront ta’ l-attur fls-somma ta Lm130,500 (mija u tletin elf u hames mitt lira maliin);

3. tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur is-somma ta’ Lm130.500 (mija u tletin elf u hames mitt lira maltin);

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni enumerat 460/2005, u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta’ Dicembru 2004 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-10 ta’ April 2005 li bih gew nominati l-Avukat Dottor Saviour Brincat u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno biex jirrappresentaw l-assenti Christopher Gatt;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Mejju 2005 li bih gie sostitwit il-kuratur deputat l-Avukat Dottor Saviour Brincat u gie nominat minn flok l-Avukat Dottor Martin Fenech bl-istess fakoltajiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur;

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta’ April 2005 u tad-9 ta’ Gunju 2005;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet tal-attur jirrizultaw ampjament pruvati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-konvenuti Christopher u Cheryl konjugi Gatt huma debituri fil-konfront ta’ l-attur fls-somma ta mija u tletin elf u hames mitt lira malin (Lm130500) u kondegwentement

tikkundanna lill-istess konvenuti biex ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta’ Lm130.500 (mija u tletin elf u hames mitt lira maltin) u dana bl-imghaxxijiet kif mitluba;

Spejjez kollha l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------